

31999D0813

9.12.1999

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 315/39

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-16 ta' Novembru 1999

**li tippreskrivi l-kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' l-prodotti tal-ħut li joriġinaw fir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam**

(notifikata bid-dokument numru C (1999) 3758)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(1999/813/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

minimi fir-rigward tal-lingwa(i) li biha għandhom isiru l-abbozzi u l-grad tal-persuna li għandha s-setgħa li tiffirmah;

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tippreskrivi il-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u t-tqegħid fuq is-suq tal-prodotti tal-ħut <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 97/79/KEE <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tagħha,

- (5) Skond l-Artikolu 11(4)(b) tad-Direttiva 91/493/KEE, marka għandha titwawhal mal-pakketti tal-prodotti tal-ħut li tagħti l-isem tal-pajjiż terz u n-numru ta' l-approvazzjoni/reġistrazzjoni ta' l-istabbiliment, il-bastiment fabbrika, il-maħżen tat-tkessiħ jew il-bastiment friża ta' oriġini;

Billi:

- (1) Espert tal-Kummissjoni wettaq viżita ta' spezzjoni fir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam biex jivverifika l-kondizzjonijiet li taħtom il-prodotti tal-ħut huma prodotti, maħżuna u mibgħuta lill-Komunità;
- (2) Id-dispożizzjonijiet tal-ligislazzjoni tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar l-ispezzjoni u s-sorveljanza ta' l-prodotti tal-ħut tista' titqies ekwivalenti għal dawk inniżżla fid-Direttiva 91/493/KEE;
- (3) Fir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam iċ-Ċentru ta' l-Ispezzjoni tal-Ħut Nazzjonali u l-Assigurazzjoni tal-Kwalità (Nafiqacen) tal-Ministeru tas-Sajd" huwa kapaċi li jivverifika effettivament l-applikazzjoni tal-liġijiet fis-seħħ;
- (4) Il-proċedura biex jinkiseb iċ-ċertifikat tas-saħħa msemmi fl-Artikolu 11(4)(a) tad-Direttiva 91/493/KEE trid ukoll tkopri d-definizzjoni ta' mudell ta' ċertifikat, il-ħtiġiet

- (6) Skond l-Artikolu 11(4)(ċ) tad-Direttiva 91/493/KEE, lista ta' l-istabbilimenti approvati/reġistrati, bastimentifabbrikaa jew maħżen tat-tkessiħ għandha titħejja; lista ta' bastimenti friża reġistrati skond id-Direttiva 92/48/KEE <sup>(3)</sup> għandha titħejja; dawn il-listi għandhom jitħejjew fuq il-bażi tal-komunikazzjoni min-Nafiqacen lill-Kummissjoni; hija għalhekk in-Nafiqacen li tiżgura li jitħarsu d-dispożizzjonijiet inniżżla għal dak l-iskop fl-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 91/493/KEE;
- (7) Il-Nafiqacen ipprovdiet assigurazzjonijiet uffiċjali fir-rigward tal-konformità mar-regoli inniżżla fil-Kapitolu V ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 91/493/KEE u fir-rigward tat-tħaris ta' ħtiġiet ugwali għal dawk inniżżla minn dik id-Direttiva għall-approvazzjoni jew ir-reġistrazzjoni ta' l-istabbilimenti, bastimenti fabbrika, maħżen tat-tkessiħ jew bastimenti friża ta' oriġini;
- (8) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

<sup>(1)</sup> ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15<sup>(2)</sup> ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 31<sup>(3)</sup> ĠU L 187, tas-7.7.1992, p. 41.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Iċ-“Ċentru ta’ l-Ispezzjoni tal-Ħut Nazzjonali u l-Assigurazzjoni tal-Kwalità (Nafiqacen) tal-Ministeru tas-Sajd” għandu jkun l-awtorità kompetenti tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam biex jivverifika u jiċċertifika l-prodotti tal-ħut u akwakulturi mal-ħtiġiet tad-Direttiva 91/493/KEE.

*Artikolu 2*

Prodotti tal-ħut u akwakulturi li ġejjin mir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam għandhom jħarsu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

1. Kull konsenja trid tkun akkumpanjata minn ċertifikat oriġinali numerat tas-saħħa, debitament mimli, iffirmat, datat u magħmul minn paġna waħda skond il-mudell fl-Anness A hawn mehmus;
2. il-prodotti jridu jiġu minn stabbilimenti, bastimenti fabbrika, mħażen tat-tkessiħ jew bastimenti friża reġistrati approvati elenkati fl-Anness B hawn mehmus;
3. ħlief fil-każ ta’ prodotti ffriżati tal-ħut bl-immnut u maħsuba għall-manifattura ta’ ikel priservat, il-pakketti kollha jrid ikollhom il-kelma “Vjetnam” u n-numru ta’ l-approvazzjoni/

reġistrazzjoni ta’ l-istabbiliment, bastimentfabbrica, maħżen tat-tkessiħ jew bastiment friża ta’ oriġini fittri li ma jitħassrux.

*Artikolu 3*

1. Ċertifikati msemmija fl-Artikolu 2(1) għandhom jitħejjew f’ta’ l-inqas lingwa uffiċjali waħda ta’ l-Istat Membru fejn jitwettqu l-verifiki.

2. Iċ-ċertifikati jrid ikollhom l-isem, il-kapaċità u l-firma tar-rappreżentant tan-Nafiqacen u t-timbru uffiċjali ta’ dan ta’ l-aħħar f’kulur differenti minn dak ta’ firem oħra.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-16 ta’ Novembru 1999.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

## L-ANNEX A

## ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

**għall-prodotti tal-ħut akwakulturi li ġejjin mir-Repubblika Soċjalista u maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea, esklużi molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi marini f'kull forma**

Numru ta' Riferenza: .....

Pajjiż li qed jibgħat: REPUBBLIKA SOĊJALISTA TAL-VJETNAM

L-awtorità kompetenti: iċ-Ċentru ta' l-Ispezzjonijiet tal-Ħut u l-Assigurazzjoni tal-Kwalita (NAFIQACEN) tal-Ministeru tas-Sajd'

### I. Dettalji li jidentifikaw il-prodotti tal-ħut

- Deskrizzjoni tal-prodotti tal-ħut — akwakultura <sup>(1)</sup>: .....
- l-ispeċi (isem xjentifiku): .....
- presentazzjoni tal-prodott u tip tat-trattament <sup>(2)</sup>: .....
- Numru ta' kodiċi (fejn disponibbli): .....
- Tip ta' ppakkeġġar: .....
- Numru ta' pakketti: .....
- Piż nett: .....
- Temperatura meħteġa għall-ħażna u t-trasport: .....

### II. Oriġini tal-prodotti

L-isem(ismijiet) u numru(i) uffiċjali ta' approvazzjoni ta' l-istabiliment(i), bastiment/i fabbrika, jew maħżen(maħżen) tat-tkessiħ approvat/i jew bastiment/i friża(i) reġistrati min-NAFIQACEN għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea: .....

.....

### III. Destinazzjoni tal-prodotti

Il-prodotti jintbagħtu minn:

minn: .....  
(post minn fejn jintbagħtu)

sa: .....  
(il-pajjiż u l-post tad-destinazzjoni)

bil-mezzi tat-trasport li ġejjin: .....

L-isem u l-indirizz ta' min qed jibgħat: .....

.....

L-isem ta' min se jirċievi u l-indirizz tal-post tad-destinazzjoni: .....

.....

<sup>(1)</sup> Aqta' fejn japplika.

<sup>(2)</sup> Ħajjin, refriġerati, friżati, immellħa, iffumigati, priservati, eċċ.

## IV. Ċertifikazzjoni tas-saħħa

- L-ispettur uffiċjali b'dan jiċċertifika li l-prodotti tal-ħut jew akwakulturi speċifikati hawn fuq:
- 1) inqabdu u ttieħdu ħsieb abbord il-bastimenti skond ir-regoli tas-saħħa mniżżla fid-Direttiva 92/48/KEE;
  - 2) tniżżlu l-art, ġew maniġġati u fejn xieraq ippakkeġgati, ippreparati, ipproċessati, iffriżati, imdewwba u maħżuna iġjenikament b'mod konformi mal-ħtiġiet imniżżla fil-Kapitoli II, III u IV ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 91/493/KEE;
  - 3) għaddew mill-kontrolli tas-saħħa skond il-Kapitolu V ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 91/493/KEE;
  - 4) huma ppakkeġgati, immarkati, maħżuna u trasportati skond il-Kapitoli VI, VII u VIII ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 91/493/KEE;
  - 5) ma jiġux minn speċi tossiċi jew speċi li fihom bijotossiċi;
  - 6) għaddew b'suċċess mill-verifiki organolettiċi, parasitoloġiċi, kimiċi u mikrobijoloġiċi mniżżla għal ċerti kategoriji tal-prodotti tal-ħut fid-Direttiva 91/493/KEE u fl-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet hemm mehmusa.
- L-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat b'dan jiddikjara li huwa konxju bid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/493/KEE, id-Direttiva 92/48/KEE u d-Deċiżjoni 1999/813/KE.

Magħmul fi ..... , fil-.....  
 (Post) (Data)



.....  
 (Firma ta' l-ispettur uffiċjali (!))

.....  
 (Isem b'ittri kbar, kariga u kwalifiki tal-persuna li qed tiffirma)

(!) Il-kulur tat-timbru u l-firma jrid ikun differenti minn dak tal-partikolaritajiet l-oħra taċ-ċertifikat.

## L-ANNEX B

## I. LISTA TA' STABILIMENTI APPROVATI

Nru	Isem	Indirizz
003 DL 02	Special aquatic products import and export company (Seaspimex) - Fabbrika Nru 2	Tan Binh district, Ho Chi Minh city
008 DL 07	An Giang fishery import-export company, workshop No 1- Agifish	Long Xuyen town, AnGiang province
012 DL 12	Song Huong import export seafoods company - Soseafood	Hue city, Thua Thien Hue province
017 DL 21	Seaprodex Tien Giang	My Tho city, Tien Giang province
024 DL 32	Thuan Phuoc seafoods and trading corporation - Thuan Phuoc Corporation	Hai Chau district, Da Nang city
038 DL 103	Cau Tre Enterprise - CTE Workshop No 3	Tan Binh district, Ho Chi Minh city
060 DL 110	Kiengiang seaproducts import and export company (Kisimex) Kien Giang export fish processing enterprise	Rach Gia town, Kien Giang province
053 DL 121	Ngoc HaCompany Ltd foodprocessing and Trading	Thu Duc district, Ho Chi Minh city province
067 DL 130	Minh Hai Jostoco	Ca Mau town, Ca Mau province
070 DL 132	Soc Trang foodstuff and general import export company - Fimex VN	Soc Trang town, Soc Trang province
063 DL 129	Sagimexco	Sa Dec town, Dong Thap province
077 DL 138	Hung Thanh Phu Quoc fish sauce manufacture enterprise	Phu Quoc district, Kien Giang province
078 DL 139	Thanh Ħa Co. Ltd	Phu Quoc district, Kien Giang province
073 DL 134	Can Tho - agricultural and animal products imex company Cataco	Can Tho city, Can Tho province
058 DL 127	Song Tien No 2ST2	Chau Than district, Tien Giang province
080 DL 141	Phu Than frozen factory	Chau Thanh district, Can Tho province
050 DL 118	Minh Hai Sea products. Import and export Corporation new sea products processing factory	Ca Mau Town, Ca Mau province
057 DL 125	Hai Nam Co. Ltd	Phan Thiet town, Binhthuan province